

32002R1241

L 181/4

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

11.7.2002

IR-REGOLAMENT TAL-KUMISSJONI (KE) Nru 1241/2002

ta' l-10 ta' Lulju 2002

li jissupplimenta l-Anness mar-Regolament (KE) Nru 2400/96 dwar id-dħul ta' ċerti ismijiet fir-
 “Reġistru tad-denominazzjonijiet protetti ta' l-orijini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti”
 pprovdut fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/92 dwar il-protezzjoni ta' l-indikazzjonijiet
 ġeografiċi u d-denominazzjonijiet ta' l-orijini għall-prodotti agrikoli u l-ikel (il-*Gailtaler Speck*, il-*Morbier*, il-*Queso Palmero* jew *Queso de la Palma*, iż-żejt taż-żebbuġa extra-verġini *Thrapsano*, it-*Turrón de Agramunt* jew *Torró d'Agramunt*)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/92 ta' l-14 ta' Lulju 1992 dwar il-protezzjoni ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet ta' l-orijini fil-prodotti agrikoli u l-oġġetti ta' l-ikel⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2796/2000⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(3) u (4) tiegħu,

Billi:

- (1) Skond l-Artikolu 5 tar-Regolament (KEE) Nru 2081/92, Spanja bagħtet lill-Kummissjoni żewġ applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni ta' l-isem “*Queso Palmero* jew *Queso de la Palma*” bħala denominazzjonijiet ta' l-orijini u ta' l-isem “*Turrón de Agramunt* jew *Torró d'Agramunt*” bħala indikazzjonijiet ġeografiċi, Franza bagħtet lill-Kummissjoni applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' l-isem “*Morbier*” bħala denominazzjoni ta' l-orijini, l-Awstrija bagħtet lill-Kummissjoni applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' l-isem “*Gailtaler Speck*” bħala indikazzjoni ġeografika u l-Greċja bagħtet lill-Kummissjoni applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' l-isem “*żejt taż-żebbuġa extra-verġini Thrapsano*” bħala denominazzjoni ta' l-orijini.
- (2) Skond l-Artikolu 6(1) ta' dan ir-Regolament, l-applikazzjonijiet instabu li jilhq u l-ħtiġiet kollha stabbiliti fih u b'mod partikolari li fihom it-tagħrif kollu skond l-Artikolu 4 tiegħu.
- (3) Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni skond l-Artikolu 7 tar-Regolament (KEE) Nru 2081/92 rigward l-ismijiet mogħtija fl-Anness wara l-pubblikazzjoni tagħhom fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*⁽³⁾.

(4) L-ismijiet għandhom għalhekk jidħlu fir-“Reġistru tad-denominazzjonijiet protetti ta' l-orijini u ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti” u minn issa 'l quddiem jiġu mħarsa fil-Komunità kollha bħala denominazzjonijiet protetti ta' l-orijini jew indikazzjonijiet ġeografiċi protetti.

(5) L-Anness ma' dan ir-Regolament jissupplimenta l-Anness mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2400/96⁽⁴⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1097/2002⁽⁵⁾,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-ismijiet fl-Anness ma' hawn huma miżjuda fl-Anness mar-Regolament (KE) Nru 2400/96 u mdaħħla bħala denominazzjonijiet protetti ta' l-orijini (DPO) jew indikazzjonijiet ġeografiċi protetti (IĠP) fir-“reġistru tad-denominazzjonijiet protetti ta' l-orijini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti” pprovdut fl-Artikolu 6(3) tar-Regolament (KEE) Nru 2081/92.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*. Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

⁽¹⁾ ĠU L 208, ta' l-24.07.92, p. 1.

⁽²⁾ ĠU Nru L 324, tal-21.12.00, p. 26.

⁽³⁾ ĠU C 327, tat-22.11.2001, p. 11 (*Gailtaler Speck*).

ĠU C 319, ta' l-14.11.2001, p. 3 (*Turrón de Agramunt* jew *Torró d'Agramunt*).

ĠU C 319, ta' l-14.11.2001, p. 7 (*Queso Palmero* jew *Queso de la Palma*).

ĠU C 270, tal-25.9.2001, p. 4 (*Morbier*).

ĠU C 241, tad-29.8.2001, p. 12 (żejt taż-żebbuġa extra-verġini *Thrapsano*).

⁽⁴⁾ ĠU L 327, tat-18.12.96, p. 11.

⁽⁵⁾ ĠU L 166, tal-25.06.02, p. 8.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-10 ta' Lulju 2002.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

ANNEX

IL-PRODOTTI ELENKATI FL-ANNEX I MAT-TRATTAT TAL-KE, MAĦSUBA GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM

Il-prodotti mil-laħam

L-AWSTRIJA

Gailtaler Speck (IĠP)

Il-Ġobon

FRANZA

Morbier (DPO)

SPANJA

Queso Palmero jew *Queso de la Palma* (DPO)

Iż-Żjut u x-Xaħmijiet

IL-GREĊJA

Iż-żejt taż-żebbuġa *extra-verġini Thrapsano* (DPO)

L-OĠĠETTI TA' L-IKEL RIFERITI FL-ANNEX I MAR-REGOLAMENT (KEE) Nru 2081/92

Il-Ħobż, l-għaġin, il-kejkijiet, il-ħelu, il-gallettini u prodotti oħra tal-furnar

SPANJA

Turrón de Agramunt jew *Torró d'Agramunt* (IĠP)
